# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024**

**Numru : 3**

**Rikors Numru 54/2009/2 GM**

**Sharon Coleiro**

**v.**

**Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla u**
**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

1. Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fit-12 ta' Jannar, 2021, li kellha x'taqsam ma' talba għall-ħlas ta' danni minħabba li l-attriċi ġarrbet diżabbiltà permanenti wara inċident tat-traffiku. Il-pern tal-appell f'dan il-każ huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni tat-tip *damnum emergens* inkluż spejjeż futuri,

peress li r-responsabbiltà għall-inċident u l-likwidazzjoni tad-danni *lucrum cessans* mhumiex ikkontestati.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-21 ta' Jannar, 2009, l-attriċi fissret kif fit-22 ta' Mejju, 2006, waqt li hija kienet qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBB 509, proprjetà tagħha, f'Valley Road, l-Imsida, hija sfat involuta f'inċident awtomobilistiku, meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAM 492 misjuqa mill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla baqgħet dieħla fuq wara tal-vettura tagħha. B'konsegwenza ta' dan, il-vettura tagħha sfat imbuttata għal ġo vettura oħra proprjetà ta' terzi li kienet quddiemha. Tgħid li għall-inċident u għad-danni li ġarrbet kien jaħti l-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti.

3. Tfisser li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAM 492 kienet assigurata mal-kumpanija konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited. Il-konvenut iddelega lill-assigurazzjoni tiegħu sabiex tittratta mal-attriċi l-kwistjoni tad-danni ċivili tagħha. Fil-fatt saret *claim* bin-numru M06/4398 u GasanMamo Insurance Limited ittrattat direttament mal-attriċi.

4. Bħala konsegwenza tal-inċident, l-attriċi tfisser li ġarrbet danni emerġenti konsistenti fil-ħsara tal-vettura tagħha, l-ispejjeż tal-kura għall-ġrieħi gravi li ġarrbet fl-inċident u telf ieħor. B'żieda ma' dan, tissokta tgħid li ġarrbet ukoll *lucrum cessans* peress li bħala effett dirett tal-inċident, hija ġarrbet diżabbiltà permanenti li ġiet aċċertata.

5. L-attriċi tfisser li l-kumpanija konvenuta ħallset biss l-ispejjeż tat-tiswija tal-vettura tagħha, u minkejja li sejħitilha sabiex tħallasha tal-bqija dan kien kollu ta' xejn. Għaldaqstant l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i.Tiddikjara lill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet l-istanti.*
>
> *ii. Tillikwida d-danni kollha tal-istanti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*
>
> *iii. Tikkundanna lill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla u lis-soċjetà Gasan Mamo Insurance Limited din tal-aħħar fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura Nru. AAM 492 sabiex in solidum bejniethom iħallsu lill-attriċi dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut minnhom in linea ta' danni.*
>
> *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 2008, u bl-imgħax legali skont il-liġi, kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.»*

6. Il-konvenuti ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fit-23 ta' Frar, 2009, li permezz tagħha eċċepew:

> *«1. Illi preliminarjament ir-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża odjerna diġà ġie ammess u aċċettat mill-intimati, tant illi diġà saru xi ħlasijiet lir-rikorrenti għall-ħsarat illi ġarrbet damnum emergens.*

*2. Illi d-danni l-oħra pretiżi mir-rikorrenti, u b'mod partikolari dawk lucrum cessans huma kkontestati u dana stante illi ma tirriżulta l-ebda debilità permanenti fir-rikorrenti – hekk kif iċċertifika l-konsulent ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel, permezz tar-rapport anness u mmarkat bħala Dok. GMI.1.*

*3. Illi subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, il-biċċa l-kbira tad-danni damnum emergens li r-rikorrenti għad qed tippretendi mingħand l-intimati jikkonsistu fi spejjeż frivoli u li m'huma ġustifikabbli bl-ebda mod – bħal pereżempju kwantità eżaġerata ta' rċevuti għal "car park charges" u kwindi l-intimati jeċċepixxu illi anke f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkundannahom sabiex iħallsu kwalunkwe somma ta' danni a favur ir-rikorrenti, tali likwidazzjoni għandha tkun limitata esklussivament u purament għal danni attwali u ġustifikati, u li jirriżultaw **biss** mill-inċident awtomobilistiku mertu tal-kawża;*

*4. Illi fl-aħħar nett, l-intimati jeċċepixxu li f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġà ħadet jew ser tieħu minn sorsi oħrajn – sew pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.»*

7. Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Jannar, 2021, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €151,839.02, bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv.

8. Ir-raġunijiet rilevanti għall-appell taħt eżami, li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*« **2. Likwidazzjoni tad-danni***

***2.1 Damnum Emergens***

*Għal dak li jirrigwarda d-damnum emergens, l-attriċi ressqet numru ta' rċevuti li jikkonsistu f'fiżjoterapija, f'xiri ta' mediċini, irċevuti għat-transport, u rċevuti ta' tobba u sptarijiet bil-valur komplessiv ta' tnejn u erbgħin elf, mitejn u tmienja u disgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€42,298.52). Ma' dan l-ammont hemm inklużi l-arretrati tal-għajnuna*

*domestika illi użat l-attriċi mill-aħħar tas-sena 2006 sal-bidu tal-2019 meta nfetħu dawn il-proċeduri li jammontaw għal €25,465,11. Għalkemm l-attriċi ma ppreżentat l-ebda rċevuti għal dan, huwa verosimili illi tassew utilizzat din l-għajnuna minħabba l-kundizzjoni li sabet ruħha fiha peress li ma setgħetx tagħmel ċertu faċendi tad-dar ta' strapazz minħabba l-inċident. Għalhekk f'dan ir-rigward sejra tagħti kumpens fis-somma ta' €42,298.52.*

***2.2 Lucrum Cessans:***

*L-Artiklu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni minħabba telf ta' qligħ futur: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija… t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*[1] *Meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet mara indipendenti u kienet kapaċi tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha u tad-dar mingħajr il-ħtieġa ta' assistenza jew għajnuna ta' ħadd. Minħabba l-inċident inkwistjoni, din l-indipendenza tal-attriċi b'mod ġenerali ġiet ferm ridotta. Għalkemm l-attriċi kompliet bl-impjieg tagħha, dan l-aċċident affetwalha ħajjitha b'mod drastiku u ħalliha b'uġigħ kontinwu u nuqqas ta' moviment ta' idejha, spallejha u għonqha. Ħafna drabi wara x-xogħol l-attriċi jkollha tmur torqod minħabba l-uġigħ u d-dardir li jġib miegħu l-uġigħ. L-uġigħ ma jħallihiex torqod matul il-lejl u għalhekk dejjem tħossha għajjiena. Minkejja dan kollu tipprova tgħix ħajjitha normali kemm jista' jkun u għamlet diversi arranġamenti fuq il-post tax-xogħol sabiex tkun tista' tkompli taħdem. Kellha tadatta għas-sitwazzjoni tagħha u peress li ma tistax tgħolli jdejha kemm trid minħabba nuqqas ta' moviment, għenet ruħha ferm biex kemm jista' jkun ma tkun dipendenti fuq ħadd. Jidher illi l-kwalità tal-ħajja tal-attriċi ma baqgħetx dak li kienet qabel.*

*...*

***2.3 Spejjeż Futuri***

*Artiklu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni, mhux biss isemmi d-damnum emergens u l-lucrum cessans imma wkoll "l-ispejjeż li (l-vittma) kellha tagħmel minħabba l-ħsara". Il-liġi ma tirrestrinġix dawn l-ispejjeż għal dawk inkorsi qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-kawża biss. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti mhux biss irid jittieħed kont ta' telf ta' qligħ antiċipat fil-futur, imma wkoll l-ispejjeż – mediċi, jew xort'oħra – li jkun mistenni li l-vittma tinkorri fil-futur kawża tal-menomazzjoni tagħha. L-attriċi qed titlob kumpens għall-ħlas ta' għajnuna fit-tindif fid-dar u mogħdija għall-ammont ta' elfejn u tmenin ewro (€2,080) fis-sena peress illi ma tistax tagħmel dak kollu li kienet tagħmel qabel iżda ta' dan ma nġabet l-ebda prova ta' kemm titħallas il-fattiga. Hemm biss indikazzjoni fil-prospett ta' danni tal-attriċi għall-ammont pretiż. Iżda huwa ta' min jinnota illi hu verosimili li l-attriċi għandha bżonn tal-għajnuna ta' fattiga fil-ħajja ta' kuljum. Dan aktar u*

[1] *P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet* **Emanuel Schembri v. David Tanti**

*aktar meta żewġ fiżjoterapisti illi iżżur l-attriċi (Bernardette Mallia u Yosef Pace) ikkonfermaw illi kawża tal-inċident għadha ssofri uġigħ f'għonqha, spallejha u daharha flimkien ma' uġigħ ta' ras li jitilgħu mill-għonq għar-ras. Inoltre tbati minn nuqqas ta' moviment fil-għonq u fid-dahar. Konsegwenza t'hekk ma tistax tagħmel ċertu faċendi tad-dar bħalma kienet qabel u tbati biex iżomm sigħat twal bilqiegħda fuq il-post tax-xogħol, għaliex wara tkun muġugħa ħafna. L-attriċi ma tistax tagħmel ċertu attivitajiet ta' kuljum b'kumdità u normalità u l-fiżjoterapija tgħinha sabiex tnaqqas l-uġigħ u għalhekk huwa suġġerit li l-attriċi tibqa' tattendi dawn is-sezzjonijiet ta' fiżjoterapija. Wara tant żmien li seħħ l-inċident, il-qagħda tal-attriċi ma tjibitx u huwa improbabbli illi l-attriċi terġa' tikseb ħajjitha lura għan-normal. Il-fiżjoterapisti li ġew imressqa bħala xhieda ma ġewx kontroeżaminati.*

*Ovvjament dan kollu jillimita lil attriċi fil-ħajja ta' kuljum u fil-fatt ma tistax tagħmel xogħol tad-dar bħal qabel. Il-Qorti tikkalkula li fl-età ta 65 normalment wieħed ikollu bżonn l-għajnuna ta' seftura. Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni mhux il-każ li wieħed jieħu l-età abbażi tal-life expectancy, kif qed titlob l-attriċi. Hija tagħlaq 65 sena fit-2039. Il-Qorti diġà tatha kumpens sal-2019. Bejn 2019 u 2039 hemm 20 sena. Mela t-total jiġi €2,080 x 20 = €41,600.*

*L-attriċi qed titlob ukoll kumpens għal-sessjonijiet ta' fiżjoterapija għall-ammont ta' elfejn u tmenin ewro (€2,080) fis-sena.*

*Illi, irriżulta illi minn meta seħħ l-inċident u ċjoè fl-2006 sal-lum, l-attriċi baqgħet tmur għal din it-terapija mill-inqas darba fil-ġimgħa u hija l-intenzjoni tagħha li tibqa' tattendi għal tali terapija sabiex issib ftit mistrieħ mill-uġigħ. Din il-Qorti se tieħu inkonsiderazzjoni medda ta' 20 sena għal dawn is-sessjonijiet. Il-fiżjoterapisti li joffru s-servizzi tagħhom lill-attriċi għandhom rata ta' bejn €30 u €40 kull sezzjoni. Għalhekk din il-Qorti se tieħu l-medja ta' dawn l-ammonti li jwassal għal €35. €35 x 52 x 20 = €36,400.*

*...*

*Quantum komplessiv tad-danni:*

*Damnum emergens: €42,298.52*

*Lucrum Cessans: €25,232.40 x 25 x 5% = €31,540.50*

*Spejjeż futuri: €78,000*

***Total: €151,839.02»***

9. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-appell imressaq fl-1 ta' Frar, 2021, li permezz tiegħu talbu li s-sentenza

appellata tiġi riformata fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni li ġarrbet l-attriċi tat-tip *damnum emergens,* inkluż fihom l-ispejjeż futuri. Dan huwa l-aggravju waħdieni tal-konvenuti appellanti u għalhekk il-kwistjoni tar-responsabbiltà għall-inċident u d-danni likwidati bħala *lucrum cessans* illum-il ġurnata huma ġudikat.

10. Min-naħa tagħha, l-attriċi ressqet ir-raġunijiet tagħha għala l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud, u s-sentenza appellata jistħoqqilha li tiġi kkonfermata, bi tweġiba li ressqet fit-13 ta' Settembru, 2021.

11. Inżamm smigħ fit-3 ta' Ottubru, 2024, li għalih dehru l-avukati tal-partijiet u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Taħt l-ewwel punt fl-aggravju tal-appell tagħhom, il-konvenuti appellanti jsostnu li fl-aħjar xenarju, id-danni attwali li jistgħu jkunu dovuti lill-attriċi huma fl-ammont ta' €12,580 u mhux €42,298.52, kif likwidat mill-Ewwel Qorti. Jikkonstestaw l-ammonti ta':

i. €24,456.11 rappreżentanti għajnuna fid-dar u mogħdija u dan peress li dan l-ammont ma ġie sostanzjat bl-ebda mod, la permezz ta' rċevuti fiskali u lanqas permezz ta' xhieda tal-persuni li jagħtu

dawn is-servizzi. Jargumentaw li meqjus id-diżabbiltà tal-attriċi ta' 5%, dan l-ammont huwa wieħed irraġonevoli. Jisiltu siltiet mill-ġurisprudenza sabiex isostnu l-prinċipju li min jallega jrid jipprova u li jkun obbligat li jressaq l-aħjar prova;

ii. Il-konvenuti jikkontestaw ukoll l-ispiża ta' €4,253.41 marbuta max-xiri ta' mediċina tat-tip *anti-depressant* meta mill-provi ma rriżultax li tali mediċina ġiet mogħtija lill-attriċi wara l-inċident b'rabta mal-istess inċident. Josservaw ukoll li din il-mediċina nxtrat mill-attriċi bejn l-2016 u l-2017, jiġifieri għaxar snin wara l-inċident;

iii. Joġġezzjonaw ukoll għall-ammont ta' €2,300, li huwa rappreżentanti l-prezz ta' xiri ta' mħaded u saqqu, li nxtraw erba' snin wara l-inċident, meta lanqas tressqet prova li din kienet spiża meħtieġa li ssir;

iv. Jissoktaw jgħidu li meta l-Ewwel Qorti kkundannathom iħallsu dawn id-danni li mhumiex dovuti, inħoloq żbilanċ bejn il-partijiet, favur l-attriċi appellata.

13. Jibda billi jingħad li, sa fejn l-attriċi appellata fit-tweġiba tagħha, tqajjem il-punt u tagħmel referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tindaħalx fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, ħlief meta jkun eżerċitat b'mod manifestament ħażin, jew

għal raġunijiet gravi fejn fin-nuqqas tkun ser tinħoloq xi inġustizzja, din il-Qorti ilha li warrbet il-pożizzjoni iebsa meħuda f'bosta deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin ta' din il-Qorti. Wara kollox, il-Qorti fil-grad ta' appell, għandha awtonomija sħiħa fl-għarbiel tal-provi u hija mogħnija bis-setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad u kif ukoll li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat.

14. Tassew f'sistema legali bħal tagħna, fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk hija ma tagħmilx għarbiel tal-fatti b'mod indipendenti mill-Ewwel Qorti (ara ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018, ***Joseph Grech et v. Nazzareno Grech*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 u ***Charlene Musù v. Elton Mangion*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023)

15. Magħluqa din il-kwistjoni, imiss li jiġu indirizzati l-punti mqanqla mill-konvenuti appellanti taħt l-ewwel ilment. Fir-rigward tal-għajnuna fid-dar, huwa x'aktarx minnu li l-attriċi kellha bżonn l-għajnuna wara l-inċident, ikkunsidrat kif ingħad mill-Ewwel Qorti, ix-xhieda tal-fiżjoterapisti, Bernardette Mallia[2] u Josef Pace[3], u l-fatt li dawn ix-xhieda

[2] Ara paġni 318 sa 321 tal-proċess.
[3] Ara paġna 158F tal-proċess.

baqgħu ma ġewx kontroeżaminati, madankollu jibqa' l-fatt li għandhom raġun il-konvenuti appellanti meta jingħad minnhom li l-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova.

16. Dan qiegħed jingħad, mhux għax hemm dubju dwar l-effett li l-inċident kellu fuq l-attriċi, iżda dwar l-ispejjeż li effettivament hija kellha tagħmel minħabba l-uġigħ li ġarrbet b'konsegwenza tal-istess inċident. Huwa prinċipju kardinali li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Fil-fatt l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) u l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib (**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). In-nuqqas tal-konvenuti li jagħmlu l-kontroeżami lil numru ta' xhieda professjonisti dwar id-diżabbiltà li ġarrbet l-attriċi, ma jeħlisx lill-istess attriċi milli tressaq l-aħjar prova dwar l-ispejjeż li hija kellha tagħmel b'konsegwenza tal-istess inċident.

17. Għalkemm, kif ingħad drabi oħra, dawn il-Qrati għandhom ukoll is-setgħa li jillikwidaw id-danni *arbitrio boni viri* meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entità tagħhom, iżda dan ma jseħħx meta l-attur jonqos li jressaq il-provi dwarhom (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et***).

18. Hekk ukoll, f'dan il-każ, għalkemm l-attriċi ssostni li ma setgħetx tressaq irċevuti għal raġunijiet li hija ssejħilhom ovvji, ladarba l-attriċi xehdet li ġġib lil xi ħadd biex jgħinha fil-faċendi tad-dar u għall-mogħdija tal-ħwejjeġ, setgħet tal-inqas tressaq lil dawn il-persuni bħala xhieda sabiex jikkonfermaw dan u dwar kemm jitħallsu (ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Silvio Frendo et v. Rudolph Gatt et***). Għal din il-Qorti xejn mhu ovvju u jekk l-ovvju jfisser li min jagħmel dawn ix-xogħlijiet jagħmel dan mingħajr ma huwa regolarizzat, allura l-attriċi se jkollha ġġorr il-konsegwenzi. Magħdud ma' dan, jingħad li din il-Qorti m'għandhiex is-serħan tal-moħħ li effettivament l-attriċi ħallset l-ispiża sostanzjali kif tippretendi u mhux pereżempju, kellha xi għajnuna bla ħlas mingħand xi familjari, jew mill-istess sieħeb tagħha.

19. Għalhekk, din il-Qorti ser tilqa' dan l-ewwel punt taħt l-ilment tal-konvenuti appellanti u ser tnaqqas is-somma ta' €24,456.11 rappreżentanti għajnuna fid-dar u mogħdija.

20. Fit-tieni ilment tagħhom, il-konvenuti appellanti jilmentaw dwar il-ħlas tal-ispiża ta' €4,253.41 marbuta max-xiri ta' mediċina tat-tip *anti-depressant*. Isostnu li għalkemm f'dan il-każ ġew ippreżentati l-irċevuti

relattivi, madankollu jgħidu li jonqos in-ness tar-rabta bejn l-inċident u l-ħtieġa ta' din il-mediċina.

21. Għalkemm l-attriċi appellata fir-risposta tal-appell tagħha ssostni li din il-mediċina tintuża wkoll f'każijiet ta' uġigħ kroniku, il-ħtieġa li din il-mediċina intużat mill-attriċi b'rabta mal-uġigħ kroniku ma tirriżultax. Id-dubju jinħoloq bil-fatt li mill-fajl tal-isptar jirriżulta li l-attriċi kellha tikkonsulta ma' psikjatra minħabba li kellha l-ansjetà[4] u fil-fatt l-attriċi pprezentat ukoll irċevuti għall-viżti għand psikjatra[5]. Kif jingħad mill-appellata, din il-mediċina ma titteħditx b'kapriċċ.

22. Tabilħaqq, din il-Qorti setgħet tara li ġew ipprezentati numru ta' rapporti minn bosta tobba u professjonisti, u għalkemm ma jirriżultax li xi ħadd minnhom għamel referenza għall-ħtieġa tal-użu ta' din il-mediċina partikolari b'rabta mal-inċident taħt eżami, b'danakollu minn rapport mediku li sar minn Dr Andrew A. Borg[6] jingħad: «*Since the alleged accident she has become quite clinically depressed and needs antidepressants.*[7]»

23. Minkejja t-trapass taż-żmien bejn meta seħħ l-inċident u meta l-attriċi kellha tikkonsulta l-psikjatra[8] u bdiet tagħmel użu mill-istess

[4] Ara paġna 311 tal-proċess.
[5] Ara dokument K (i) u (ii) f'paġni 481 u 482.
[6] Ara Dok. ZM2 datat 14 t'April, 2008, eżebit f'paġna 9.
[7] Ara paġna 20.
[8] In-notament fil-fajl tal-isptar jirriżulta li sar fl-2016, għaxar snin wara l-inċident.

mediċina[9], wara li din il-Qorti kkunsidrat il-bosta rapporti tal-konsulenti mediċi, ma tistax twarrab din il-pretensjoni tal-attriċi, peress li jista' jingħad li n-nefqa għal din il-mediċina hija marbuta mal-inċident u l-ħsara li ġarrbet minħabba fih u għaldaqstant l-attriċi appellata għandha jedd għalihom (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Concetta Sammut v. Stephen McCarthy***). Għalhekk, f'dan il-każ, il-konvenuti appellanti m'għandhomx raġun.

24. Dan jingħad ukoll, peress li mil-lista tal-ammonti reklamati bħala *damnum emergens* għall-mediċini kollha mingħand diversi spiżerji kien hemm total ta' €1,154.36[10] u mhux ta' €4,253.41. Kunsidrat li dan kien it-total ta' diversi mediċini u mhux ta' waħda partikolari, huwa ċar li l-konvenuti għandhom żball, wara kollox huma stess josservaw li din il-mediċina ntużat għall-perjodu ta' sitt xhur. Minn eżami tal-irċevuti ppreżentati jirriżulta li t-total għal din il-mediċina partikolari kien ta' €128.64 – ammont relattivament żgħir. Isegwi li din il-Qorti ma tqisx li dan l-ilment tal-konvenuti huwa ġustifikat.

25. Jonqos l-aħħar ammont ta' €2,300, ikkontestat mill-konvenuti taħt dan l-ewwel aggravju, dak rappreżentanti l-prezz ta' xiri ta' mħaded u saqqu billi jsostnu li ma tressqitx prova li din kienet spiża meħtieġa li ssir.

[9] Ara r-riċetta tat-tabib psikjatra f'paġna 506 tal-proċess.
[10] Ara paġna 356 ta' Dok. 11.

26. F'dan il-każ, il-Qorti rat ir-rapport ta' Dr Andrew A. Borg inkarigat mill-attriċi, fejn hemm jingħad li hija tbati min-nuqqas ta' rqad u fejn tqum mill-irqad b'*«acute neck stiffness and aching lower back».* Il-Qorti tqis ukoll il-fatt li dan l-ilment baqa' jippersisti. Rilevanti f'dan is-sens, kemm ir-rapport[11] tal-ewwel espert mediku maħtur mill-Ewwel Qorti, fejn hemm jingħad li l-attriċi «*kultant tqum bil-lejl muġugħa*[12]», kif ukoll ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali[13], fejn insibu li għalkemm l-attriċi torqod, meta tqum tħoss l-għonq iebes. Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fil-pretensjoni tal-attriċi appellanti li qieset ukoll il-qagħda fiżika tagħha u n-natura ta' uġigħ li tbati minnu f'għonqha u f'daharha b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, li ġabitha fil-bżonn li tfittex tuża dawn l-oġġetti, li jnaqqsu jew itaffu mill-uġigħ li tbati minnu, sabiex forsi jkollha ftit mistrieħ. Għalhekk din il-Qorti, bħal dik ta' qabilha, tqis xieraq li dawn l-oġġetti jiġu inklużi fil-valutazzjoni tad-danni.

27. Isegwi li dan l-ilment tal-konvenuti appellanti mhux ser jintlaqa'.

28. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tqis xieraq li tilqa' f'parti minnu dan l-ewwel punt fl-aggravju tal-konvenuti appellanti, sabiex id-

---

[11] Datat 22 ta' Novembru, 2010.
[12] Ara paġna 63 tal-proċess.
[13] Wara li sar l-ezami mediku fit-18 ta' Frar, 2016.

danni tat-tip *damnum emergens* jiġu mnaqqsa sabiex minflok jiġu likwidati fl-ammont ta' €17,842.41.

29. Imiss li jiġi mistħarreġ it-tieni punt fl-aggravju tal-konvenuti appellanti, dak fejn jikkontestaw l-ispejjeż futuri. Huma jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li fil-fehma tagħhom, il-liġi tagħna ma tagħtix lok għal spejjeż futuri. L-appellanti jsostnu wkoll li l-ispejjeż futuri huma sproporzjonati meta wieħed jikkunsidra d-diżabbiltà permanenti ta' 5% li ġarrbet l-attriċi. Huma jagħmlu referenza għal xi siltiet mir-rapporti mediċi li hemm fl-atti tal-kawża fis-sens li fost affarijiet oħra, il-limitazzjonijiet tal-attriċi jingħad li huma ta' natura ħafifa (*mild)*[14]. Filwaqt li jingħad mill-periti addizzjonali li: «*L-eżamijiet radjoloġiċi u l-eżaminazzjoni newroloġiku ma wrewx problemi strutturali fis-sinsla jew fin-nervituri b'mod oġġettivament*...»

30. Għalhekk il-konvenuti jsostnu li ma jirriżultax li l-attriċi ser ikollha bżonn tibqa' tagħmel spejjeż mediċi fil-futur jew li jistħoqqilha li tingħata kumpens għalihom u joġġezzjonaw għall-kumpens ta' €36,400 mogħti mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Jistaqsu x'inhu l-iskop li l-attriċi tibqa' tingħata kumpens għall-fiżjoterapija għall-futur meta hija stess xehdet li dawn is-sessjonijiet ma jkunx ta' soljev kbir hekk kif iserrħuha għal xi sagħtejn jew tlieta l-aktar u jingħad minnhom li l-ebda espert ma ta' parir

[14] Rapport ta' Dr Alec Sultana tal-15 ta' Settembru, 2006.

li tibqa' tagħmel dawn is-sessjonijiet tul ħajjitha kollha u għalhekk tonqos il-prova oġġettiva li dawn is-sessjonijiet ta' fiżjoterapija huma vitali.

31. Hekk ukoll, il-konvenuti appellanti jilmentaw li lil hemm mill-fatt li l-attriċi ma ressqitx provi li qiegħda fil-fatt tagħmel użu minn għajnuna fid-dar, meta naqset milli tressaq persuna tixhed f'dan is-sens, kif ingħad taħt l-ewwel punt ta' *damnum emergens,* wisq inqas jingħad li huma xierqa bħala spejjeż futuri, l-ammont li ngħata mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward ta' €41,600. Għad li l-konvenuti jikkonċedu li l-persuna danneġġata għandha titqiegħed fil-pożizzjoni ta' *status quo ante* tal-inċident, jgħidu li hija m'għandhiex tapprofitta ruħha hekk kif, wara kollox, hija stess xehdet li kompliet b'ħajjitha u ssiefer ukoll. F'kull każ, il-konvenuti appellanti jsostnu li f'każ li din il-Qorti tqis li għandu jkun hemm kumpens għall-ispejjeż futuri, għandu jkun hemm tnaqqis ta' 20% sabiex jagħmel tajjeb għall-fatt li dawn l-ispejjeż li ser isiru fuq firxa ta' snin fil-futur, ikunu qegħdin jitħallsu bil-quddiem.

32. Fir-rigward ta' dan il-punt ta' spejjeż futuri mqanqal mill-konvenuti appellanti, jiġi osservat li s-sentenza li jagħmlu referenza għaliha, dik ta' ***Dr Johnaton Abela noe v. Maria Spiteri*** kienet appellata u fil-fatt din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu, 2024, qalet li ma kinitx taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti f'dak il-każ, dwar l-ispejjeż futuri fis-sens li:

*«Kif jixhdu numru ta' sentenzi ta' din il-Qorti, fejn ingħad li spejjeż futuri għall-kura u mediċina tabilħaqq jaqgħu taħt ir-ras tad-danni emerġenti skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili**. Issir referenza b'eżempju is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Trevor Grech v. Lawrence Agius.***

*... f'sentenza oħra reċenti ta' din il-Qorti, dik tas-26 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet **Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et,** li wkoll kienet titratta persuna żagħżugħa li ġarrbet diżabbiltà konsiderevoli fil-persuna tagħha. F'din l-aħħar sentenza ngħad hekk:*

> *Kif ingħad fis-sentenza reċenti ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **Trevor Grech v. Lawrence Agius**, fejn b'referenza għall-ġurisprudenza hemm ċitata, ċertament spejjeż futuri għall-kura, mediċina u terapija għandhom jitqiesu taħt il-kap ta' damnum emergens, (u mhux tat-tip lucrum cessans kif donnhom jagħtu x'jifhmu l-atturi fis-sottomissjoniet tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti) u għandhom jinkludu kura minħabba li l-persuna danneġġata tispiċċa dipendenti fuq ħaddieħor.»*

33. Minn dan jinżel li l-ispejjeż futuri xorta waħda jistgħu jitqiesu bħala telf effettiv, dejjem sa fejn dawn l-ispejjeż huma marbuta mal-fatt li l-persuna danneġġata tkun ser iġġarrabhom b'rabta mad-diżabbiltà li nkorriet fiha, kaġun tal-inċident taħt eżami.

34. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-konvenuti appellanti sa fejn jingħad minnhom li ma tressqitx prova oġġettiva li l-attriċi ser tibqa' teħtieġ il-fiżjoterapija fil-futur. Kemm hu hekk, minn qari sħiħ tar-rapport[15] tat-Tabib Alec Sultana jirriżulta li jingħad: «*She needs follow up and treatment by a physiotherapist.*» Hekk ukoll, minn qari tar-rapport[16] tal-Kirurgu Ortopediku Massimo Abela, fost affarijiet oħra, hemm jingħad li: «*In my*

[15] Ara Dok. 1(A) u 1(D) f'paġni 334 u 338,
[16] Ara Dok. MA 1 datat 11 ta' Jannar, 2018, f'paġna 142.

*opinion Ms. Coleiro should continue with long-term physio until her condition improves.»*

35. Filwaqt li l-fiżjoterapista Josef Pace, fix-xhieda tiegħu jispega:

> *«...il-passat ovvjament huwa ...element ta' mera tal-futur fis-sens li din ilha għaddejja mit-2006 dil problema u dejjem tirrikorri għal fiżjoterapija u abbli kienet tmur anki għal fiżjoterapija għand professjonisti oħrajn, hemm nara li dad-dewmien fejn wieħed jista' jikkonferma li dan huwa stat kroniku u bil-fatt illi hi qed jirnexxiela timmaniġja minn ġimgħa għall-oħra b'dis-sistema, jien nara li darba fil-ġimgħa jkun ammont raġonevoli biex hi tkun tista' tibqa' għaddejja bil-ħajja tagħha...»*[17]

36. Hekk ukoll, Bernadette Mallia, fiżjoterapista wkoll tixhed li ladarba dawn is-sessjonijiet ta' fiżjoterapija jagħtu lill-attriċi ċertu serħan, allura fin-nuqqas ta' alternattiva għall-uġigħ, aktarx li ser ikollha tibqa' tagħmel din il-fiżjoterapija għal għomorha[18].

37. Minn dan kollu jinżel li, l-attriċi rnexxielha tipprova li tabilħaqq x'aktarx ser ikollha bżonn il-fiżjoterapija fil-futur ukoll u dan b'konsegwenza diretta tal-inċident taħt eżami. Madankollu, wieħed lanqas jista' jgħid dan b'ċertezza assoluta, peress li ladarba l-passat huwa l-mera tal-futur, mill-atti jirriżulta wkoll li l-attriċi kienet tmur għall-fiżjoterapija b'mod regolari bejn l-2006 u l-2010 u bejn l-2014 u l-2019. Dan ifisser li għamlet żmien bejn l-2010 u l-2014 fejn hija kienet waqfet

---

[17] Ara wkoll rapport tal-imsemmi Josef Pace f'paġna 347 tal-proċess.
[18] Ara x-xhieda tagħha tad-19 ta' Novembru, 2019, f'paġna 322

tmur għall-fiżjoterapija[19]. Dan ifisser li jista' jkun il-każ li ma jkunx meħtieġ li tibqa' tmur għall-fiżjoterapija għall-bqija ta' ħajjitha jew mhux b'mod frekwenti. Wara kollox, ħadd ma jaf x'ser jiġri fil-futur.

38. Jidher li l-Ewwel Qorti għarfet din il-possibbiltà, meta hija ħadet qies tal-ħtieġa tal-fiżjoterapija fuq medda ta' għoxrin sena minflok tletin sena kif kienet qiegħda titlob l-attriċi. Kunsidrat dan kollu, din il-Qorti ma ssibx x'tiċċensura f'dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u ma tqisx li għandha tagħmel xi tnaqqis.

39. Fir-rigward tal-punt dwar l-ispejjeż marbuta mal-għajnuna fid-dar, kif ingħad fis-sentenza ta' ***Dr Johnaton Abela noe v. Maria Spiteri***, imsemmija qabel:

> *«Bħala eżempju, fis-sentenza **John Peter Stanton v. Schembri & Sons Ltd** deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021, din il-Qorti llikwidat danni fl-ammont ta' €100,000 minħabba li l-attur kien ser ikollu bżonn iħaddem lil xi ħadd biex jieħu ħsiebu fil-bżonnijiet ta' kuljum.*
>
> *61. Inoltre, kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Alexander Caruana v. Daniel Bonniċi** deċiża fil-15 ta' Marzu, 2011, il-kalkolu tad-damnum emergens huwa diffiċli li jsir, meta min ikun bata l-ħsara jkun qiegħed jirċievi fil-preżent l-għajnuna ta' kuljum mingħand il-ġenituri tiegħu bla ħlas u 'l quddiem, meta l-ġenituri jikbru u jkollhom bżonn l-għajnuna huma, il-persuna danneġġata jkollha tħallas minn butha lil min jieħu ħsiebha. F'każijiet bħal dawn, huwa leġittimu li l-Qorti tillikwida arbitrio boni viri (ara s-sentenza **Grech v. Agius** hawn appena msemmija)»*

[19] Ara f'dan is-sens ukoll ix-xhieda tal-attriċi taħt kontroeżami f'paġna 591 tal-proċess, fejn tammetti li ma kenitx tmur għall-fiżjoterapija f'dan il-perjodu ta' żmien.

40. Dawn il-Qrati fejn meħtieġ, ġieli japplikaw ir-regola *ex aequo et bono*. Huwa minnu li fin-nuqqas ta' prova xierqa dwar l-ispiża li jingħad li l-attriċi ħallset fil-passat bħala għajnuna fid-dar, din il-Qorti warrbet il-pretensjonijiet tal-attriċi. Madankollu, lanqas jista' jitwarrab il-fatt li kunsidrata l-kundizzjoni medika tal-attriċi, kif ċertifikata kemm mill-ewwel espert mediku[20] maħtur mill-Ewwel Qorti, kif ukoll mir-relazzjoni tal-periti addizzjonali, ma tistax teskludi li jkun hemm żmien fil-futur fejn l-attriċi ser ikollha tfittex l-għajnuna ta' terzi biex tagħmel il-faċendi fid-dar.

41. Wara kollox, kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Settembru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Joanne Darmanin pro et noe v. Manuel Camenzuli***, bħala regola, id-danni futuri jiġu likwidati permezz ta' valutazzjoni ekwitattiva, wara li l-Qorti tagħmel eżami ta' dak kollu li jirriżulta mill-proċess taħt eżami.

42. Madankollu, din il-Qorti ma tqisx xieraq li l-attriċi tingħata l-ammont sħiħ li qiegħda tippretendi f'dan ir-rigward, ikkunsidrat ukoll il-kumpens li ngħata f'każijiet simili, fejn il-grad ta' diżabbiltà kien ferm ogħla minn dak tal-attriċi[21], u allura l-għajnuna meħtieġa fil-futur tkun aktar estensiva. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* bħala spejjeż futuri favur l-attriċi, is-somma ta' €10,000 sabiex jiżdiedu taħt il-kap tad-

[20] Ara rapport f'paġna 63 tal-proċess.
[21] Ara b'eżempju l-każ ta' ***Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et*** fejn persuna b'diżabbiltà ta' 75% u dak ta' ***Dr Johnaton Abela noe v. Maria Spiteri*** fejn persuna b'diżabbiltà ta' 74%, ingħataw kumpens ta' €50,000 għal spejjeż li d-danneġġati jistgħu jkollhom jagħmlu fil-futur.

danni emerġenti skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili,** minflok is-somma li ngħatat mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

43. Għalhekk dan it-tieni ilment fl-aggravju tal-konvenuti appellanti ser jintlaqa' wkoll f'parti minnu. Jiġi b'hekk, li huwa meħtieġ li s-sentenza appellata tiġi riformata sabiex l-ispejjeż għall-futur jiġi riveduti fl-ammont ta' €46,400 (€36,400 għall-fiżjoterapija u €10,000 għall-għajnuna fid-dar).

44. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuti appellanti, sa fejn jingħad minnhom li għandu jkun hemm tnaqqis ulterjuri ta' 20% fuq kwalunkwe kumpens li jingħata għall-futur. Kif sewwa tosserva l-appellata, fir-risposta tal-appell tagħha, l-ammont li qiegħed jiġi likwidat bħala spejjeż futuri huwa bbażat fuq rati (fil-każ ta' fiżjoterapija) li tħallsu fiż-żmien meta tħejja l-prospett tad-danni mill-attriċi fl-2019, u għalhekk x'aktarx li dawn ir-rati jiżdiedu fuq medda ta' għoxrin sena u mhux jonqsu.

45. Minn dan kollu jinżel li, l-ammont totali tad-danni ser jiġi rivedut kif ġej:

*Damnum emergens* (inkluż spejjeż futuri) €17,842.41+ €46,400 = €64,242.41. *Lucrum cessans* (likwidati mill-Ewwel Qorti, li mhumiex kontestati) €31,540.50.

Total: €95,782.91.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti **tilqa' f'parti minnu** l-appell tal-konvenuti, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:

i Tikkonfermaha sa fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi kif hemm ingħad;

ii Tvarjaha fis-sens illi tillikwida d-danni kollha mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' ħamsa u disgħin elf, seba' mija u tnejn u tmenin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€95,782.91) minflok dik ta' mija u wieħed u ħamsin elf, tmien mija u disgħa u tletin ewro u żewġ ċenteżmi (€151,839.02); u

iii Tikkundanna lill-konvenuti Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla u lill-kumpanija GasanMamo Insurance Limited, bħala assiguratriċi tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAM 492, sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi din is-somma ta' ħamsa u disgħin elf, seba' mija u tnejn u tmenin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€95,782.91) hekk likwidata, bl-imgħax fuq din is-somma jibda għaddej mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif inhuma, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu fis-sehem ta' tliet

kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti appellanti u f'sehem ta' kwart ($^1/_4$) mill-attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss